# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 11**

**Cit. Nru. 1718/96 AJM**

**Elmo Insurance Services Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Sun, Alliance & London Insurance plc surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta' Wembley Motors Limited**

**vs**

**PC 537 Joseph Micallef u Kummissarju tal-Pulizija**

**<u>L-Att tac-Citazzjoni</u>**

Is-socjeta' assikuratrici attrici pprocediet kontra l-konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni biex titlob ir-rimbors ta' danni konsegwenzjali ghall-

incident stradali reklamati u minnha mhallsa lill-assigurat taghha Wembley Motors Limited.

"L-attur wara li ppremetta li fl-4 ta' Lulju, 1993, ghal xi l-1.50 p.m., waqt li Mario Scerri kien qed isuq car Mercedes Nru. Y-1849, proprjeta' tas-socjeta' Wembley Motors Limited, fi Triq Ghajn Dwieli, Bormla, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku ma' vettura tal-Fire Brigade tal-pulizija Nru. M2302 misjuqa mill-konvenut P.C. 537 Joseph Micallef; illi l-vettura numru Y-1840 kienet assikurata mas-socjeta' attrici that polza "comprehensive" u s-socjeta' Wembley Motors Limited ghamlet 'claim' lis-socjeta' attrici in kwistjoni ma' l-incident 'de quo'; illi l-vettura Nru. Y-1849 garrbet hsarat ingenti tant li giet dikjarata 'beyond economical repair'; illi s-socjeta' attrici indennizzat lill-assikurat taghha fl-ammont ta' elfejn u tmien mitt lira (Lm2,800) ghal liema ammont is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha bis-sahha tal-polza 'comprehensive'' illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kienu jahtu l-konvenuti, jew min minnhom, minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti; illi l-konvenuti baqghu inadempjenti ghalkemm kienu interpellati ufficjalment biex jersqu ghar-rizarciment tad-danni attrici; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli, jew min minnhom, ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza ta' l-istess garrbet is-socjeta' attrici;

2. tillikwida d-danni tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm2,800 jew somma verjuri, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u

3. tikkundannahom jew min minnhom, li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,800 bhala rizarciment ta' l-ammont li din sborzat a favur ta' l-assikurat taghha bhala indenniz ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha jew ammont verjuri;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju, 1995, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni kontra l-konvenuti".

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenuti, b'nota unika, hekk eccepew ghat-talbiet attrici:-

> "1. Illi l-Kummissarju tal-Pulizija mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza billi hu ma kien qed isuq l-ebda vettura fil-hin ta' l-incident u ghalhekk la kien il-kawza prossima u lanqas remota tal-kollizzjoni. Inoltre hu ma jqabbad lil hadd mis-subalterni tieghu biex isuqu b'mod delittwuz.
>
> 2. Illi t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li Joseph Micallef ma kienx responsabbli ghall-kollizzjoni de quo u kien l-assigurat tas-socjeta' attrici li kien unikament responsabbli ghas-sinistru".

**Decide**

B'sentenza tal-25 ta' Ottubru, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici billi ddikjarat li l-incident imsemmi fic-citazzjoni gara unikament tort u htija tal-konvenut Micallef, illikwidat id-danni attrici fis-somma ta' Lm2,800 u konsegwentement ikkundannat lill-istess konvenut Joseph Micallef ihallas id-danni hekk likwidati. Fl-ahhar nett iddikjarat lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija mhux responsabbli ghall-incident. L-ispejjez fic-cirkostanzi kellhom jigu sopportati mill-konvenut Micallef hlief ghal dawn koncernanti l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li kellhom jithallsu mill-attur.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Dan il-kaz jittratta incident awtomobilistiku pjuttost serju li seta' kellu effetti aktar dizastruzi minn dawk rizultanti. L-incident gara fi Triq Ghajn Dwieli, Bormla f'dik il-parti li mill-Mina ta' Bormla tiehu ghac-centru ta' Bormla. Il-vetturi involuti kienu karozza Mercedes, chauffeur driven minn Mario Scerri li kienet tinsab gewwa Triq Ghajn Dwieli fid-direzzjoni ta' Bormla u Fire Engine tal-Pulizija li kienet tinsaq mill-konvenut Micallef gejja mid-direzzjoni tac-centru ta' Bormla u niezla minn San Gwann t'Ghuxa. L-incident allegatament gara billi l-fire engine "marrulha l-brejkijiet" giet "out of control" waqt li kienet niezla in-nizla ta' l-istess triq u baqghet hierga ghal fuq Triq Ghajn Dwieli u hemm habtet mal-Mercedes li kienet tinsaq fuq in-naha taghha tat-triq.

Mill-provi prodotti, inkluza x-xhieda ta' l-istess konvenut Micallef ma jidhirx li Mario Scerri, is-sewwieq tal-vettura assikurata ma' l-attur, kellu xi tort ghall-incident. Infatti kif ga rajna, dan kien isuq il-vettura tieghu b'mod regolari u fuq in-naha tieghu tat-triq. Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqasijiet fis-sewqan tieghu u ma seta' jaghmel xejn biex jevita l-incident li gara f'salt billi wkoll gie milqut fuq in-naha tal-lemin tal-karozza.

Irid ghalhekk jigi stabbilit jekk l-akkadut ghandhomx jirrispondu ghalih il-konvenuti jew min minnhom.

Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija beda biex jghid li huwa mhux il-legittimu kontradittur inkwantu hu ma kien qed isuq l-ebda vettura u konsegwentement ma setghax kien il-kawza la prossima u lanqas remota ta' dak li gara. Inoltre qed jissottometti li huwa ma jqabbad lil hadd mis-subalterni tieghu isuqu b'mod delittwuz.

Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din l-eccezzjoni u konsegwentement ma thossx li dan il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Infatti l-Kummissarju tal-Pulizija, bhala l-Kap tal-Korp li minnu jifforma parti l-konvenut u li ghandu taht il-"gurisdizzjoni" tieghu il-vetturi kollha u l-apparat kollu li jaghmlu parti necessarja mill-istess Korp tal-Pulizija,

ghandu necessarjament r-responsabbilita' fl-ewwel lok li jara u jassikura li l-persuni minnu ikarigati biex jifformaw parti mill-korp u li jistghu jiehdu that il-kontroll taghhom makkinarju jew vetturi intrinsikament perikoluzi, li dawn il-persuni jkunu idoneji ghax-xoghol li tieghu ikunu inkarigati. Inoltre, bhala tali wkoll huwa responsabbli li jassikura, tramite s-subalterni tieghu, li l-apparat fdat f'idejn il-membri tal-korp tal-pulizija jkun tali li ma jkunx ta' perikolu fl-uzu ghall-pubbliku in generali. Naturalment jekk minkejja l-kawteli kollha subaltern ta' l-istess Kummissarju jagixxi b'mod delittwuz dan il-konvenut qatt ma jista' jirrispondi ghan-nuqqasijiet tal-membru tal-korp li jagixxi b'dan il-mod.

Ikkunsidrat:

Jidher ben stabbilit mill-provi li l-incident in kwistjoni gara meta l-Fire Engine misjuqa mill-konvenut Micallef, ghal xi raguni jew ohra, harget "out of control" u baqghet niezla b'certu speed go Triq Ghajn Dwieli u hemm habtet mal-vettura misjuqa minn Mario Scerri. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u sahansitra fid-dikjarazzjoni taghhom ma jinghad xejn dwar ir-raguni ghall-incident. Kull ma gie eccepit kien li dan l-incident gara tort ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici. Issa f'dan ir-rigward jinghad li l-assikurat tas-socjeta' attrici u cioe' Wembley Motors Limited, kienet biss il-proprjetarja tal-vettura u bl-ebda mod din ma tista' tigi misjuba hatja ghall-akkadut jekk mhux minhabba xi nuqqasijiet fil-manutensjoni tal-vettura jew l-ghazla tal-persuna inkarigata biex issuqha. Dwar dan ma jinghad xejn. Seta' se mai, kienet responsabbli l-persuna li kienet qed issuq il-Mercedes, pero' dwar dan gia inghad hawn fuq li ma jirrizulta ebda nuqqas.

Ghalhekk fl-eccezzjoni ma nsibu xejn biex tiggustifika l-oggezzjoni ghat-talba attrici. Izda fil-gbir tal-provi gie rilevat li l-incident gara peress li l-"brakes" tal-Fire Engine ma ffunzjonawx hija u niezla n-nizla ta' San Gwann t'Ghuxa. Din l-allegazzjoni nsibuha fix-xhieda tal-konvenut Micallef u f'dak li gie rrappurtat fl-okkorrenza ta' l-incident. Infatti hawn insibu hekk fir-rigward ta' dak li qal Micallef: "Meta gie mistoqsi s-sewwieq tat-truck M-2303 qal li kien niezel bil-vettura tieghu fuq San Gwann t'Ghuxa ghad-direzzjoni ta' Ghajn Dwieli u f'daqqa wahda qal li ghafas il-brejkijiet u ma sab xejn, ipprova jiskappa karozza numru Y-1849 pero' ma rnexxielux".

Ix-xhieda l-ohra membri tal-Korp tal-Pulizija li tressqu mill-attur kienu hafna evazivi fir-rigward ta' dan l-incident. Bizzejjed li jinghad li (a) il-Log Book fejn jigi registrat l-"maintenance" ta'

kulljum fuq din il-vettura u li suppost juri wkoll x'ilmenti iressqu s-sewwieqa tal-Fire Engines, ma nstabx. L-attur ghamel l-animu tieghu kollu sabiex dan id-dokument jigi rintraccjat, izda sab hajt quddiemu; (b) l-ufficjal inkarigat mill-Fire Engine Station tal-Korp tal-Pulizija ma jaf xejn u lanqas biss ma jaf bir-rizultanzi ta' l-inkjesta interna li nzammet wara l-incident; (c) il-passiggier fil-Fire Engine waqt l-incident li allegatament sema lill-konvenut Micallef jghidlu li marrulu l-brakes, lanqas biss ma tressaq bhala xhud.

B'dana kollu l-allegazzjoni tad-difett fil-brakes giet enfasizzata b'tali mod li wiehed ghandu jifhem li d-difiza tal-konvenuti hija bazata fuq il-forza magguri jew dak li generalment jissejjah, erronjament fil-fehma ta' din il-Qorti, Act of God. Issa din id-difiza tista' tirnexxi kemm il darba fil-kawza ta' l-akkadut jigi eskluz bl-aktar mod kategoriku l-intervent uman. Ghalhekk jekk precedentement ghall-incident ikun hemm xi nuqqaq tas-sewwieq jew ta' terza persuna responsabbli ghall-vettura in kwistjoni, din id-difiza ma jkollha ebda sahha.

F'dan ir-rigward gie spjegat b'mod tekniku x'jigri meta ifallu l-"brakes" ta' vettura simili ghal dik misjuqa mill-konvenut Micallef. Gie spjegat li f'dawn il-kazi jehel il-"valve" li jikkontrolla l-"brake fluid" li jaghmel il-pressa mehtiega biex jiffunzjona l-"brake". B'dan il-mod il-"brake fluid" jitla' fic-cilindru u ma ssirx il-pressa mehtiega.

Dan stabbilit huwa kurjuz ghal din il-Qorti kif b'difett simili, il-vettura Fire Engine in kwistjoni, instaqet minn fuq il-post ta' l-incident ghall-garage fejn sussegwentement giet mitluqa ghal xhur shah. Jekk verament il-Fire Engine kienet zviluppat dan id-difett u cioe' kienet bil-"brakes malfunctioning" kien nuqqas kbir da parti tal-Korp tal-Pulizija li jippermetti vettura mhux tajba ghat-triq li tinsaq wara l-incident. L-alternattiva ghal dan hija li l-"brakes" ma kienu difettuzi xejn. Infatti f'dan ir-rigward jigi rilevat li fuq l-incident issejjah id-"duty mechanic" kif jidher fl-okkorrenza. Dan la tela' jixhed u lanqas ma jirrizulta li ghamel xi osservazzjonijiet dwar l-istat tal-brakes tal-Fire Engine. Barra minn hemm din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq xi "internal enquiry" li setghet u fil-fatt saret, billi r-rizultanzi qatt ma ngiebu a konjizzjoni ta' din il-Qorti.

Huwa minnu li hafna xhur wara l-incident il-vettura issewwiet u anke sarulha xogholijiet fuq il-brakes billi nbidel il-Master Cylinder. B'dan donnhom il-konvenuti riedu jiggustifikaw l-allegazzjoni minnhom imressqa. Pero', filwaqt li xhud spjega li l-

vettura kienet lesta ghat-triq f'Novembru/Dicembru, 1994, ix-xhud Kuntistabbli Jeffrey Galea xehed b'mod kategoriku, u f'dan huwa konfortat mid-dokument AA1 a fol 132 tal-process li x-xogholijiet fuq il-brejkijiet ta' din il-vettura saru f'Marzu, 1995 u cioe' xi erba' jew hames xhur wara li l-istess vettura giet dikjarata "road worthy".

Minn dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-eccezzjoni tal-kaz fortuwitu ma gietx pruvata u li l-incident in kwistjoni gara tort tal-konvenut Micallef li nizel in-nizla in kwistjoni bi speed mhux adegwat u b'hekk tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u kkawza l-incident. Ma jirrizultax li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija naqas b'xi mod fl-akkadut.

Ikkunsidrat:

Id-danni reklamati mis-socjeta' attrici ma gewx ikkontestati bl-ebda mod. F'dan ir-rigward jirrizulta li l-vettura numry Y-1849 kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici bil-valur ta' tlett elef lira maltin (LM3,000). Wara l-incident din giet dikjarata 'beyond economical repair' u konsegwentement l-assikurazzjoni hallset il-valur fuq il-polza u rkuprat l-pre-accident value fl-ammont ta' Lm200. B'kollox ghalhekk l-attur hallas is-somma ta' Lm2,800 kif indikat fic-citazzjoni".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Dan l-appell jipprezenta certa diffikulta, principalment minhabba l-addebitu, mis-socjeta' attrici, ta' responsabilita', lill-Kummissarju tal-Pulizija, inkwantu dan allegatament ippermetta lill-impjegat tieghu, il-konvenut l-iehor PC Micallef, li jsuq vettura – Fire-Engine - meta ma kienetx f'kondizzjoni tajba ghat-triq. L-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha ezonerat kompletament lill-Kummissarju tal-Pulizija, ghalkemm indikat li dan seta' jitqies li kkontibwixxa ghall-akkadut, tant li ttemperat il-kap ta' l-ispejjez billi kkundannatu ihallas l-ispejjez tieghu.

Din il-Qorti ezaminat il-motivazzjoni tas-sentenza appellata u l-fatti kif jirrizultaw provati fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tad-dritt applikabbli, u f'dan ir-rigward waslet ghall-konkluzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Din il-Qorti ser tistrieh fuq id-deskrizzjoni fattwali mill-provi kif elaborati fis-sentenza appellata billi dawn jirrizultaw ampjament u sostanzjalment korretti. F'dan ir-rigward tillimita ruhha ghall-punti ta' enfasi li ser taghmel fil-konsiderazzjoni taghha, anke ghaliex mhux necessarjament taqbel ghal kollox mal-valutazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti ta' dawk il-fatti. Ser tkun skematika fl-osservazzjonijiet taghha, inkwantu telabora r-responsabilita' ghas-sinistru li kull wiehed mill-partijiet in kawza seta' kellu.

a) <u>Ir-responsabilita' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici</u>.

Gustament l-ewwel Qorti ezonerat ghal kollox is-sewwieq tal-Mercedes, assikurata mas-socjeta' assikuratrici attrici, li minn taht il-mina ta' Ghajn Dwieli kien qed isuq biex jidhol Bormla. Dan certament ma seta' kellu ebda responsabilita' ghall-incident terribbli li innocentement sab ruhu fih. Kien qed isuq b'mod ghal kollox regolari fuq in-naha tat-triq li fiha kellu d-dritta, inkwantu t-triq ta' San Gwann t'Ghuxa, mnejn kien qed isuq il-konvenut PC Micallef, kienet tifforma s-sieq ta' T Junction mat-triq mnejn kien ghaddej. Il-provi juru b'mod konkluziv li l-incident sar

f'sekonda. Proprju fil-mument meta l-Mercedes lahqet dik il-junction, sabet il-Fire-Engine fuqha li kaxkritha; id-driver tal-Mercedes lanqas biss rrealizza x'qed jigri, u certament ma kellu l-ebda opportunita' li jiehu xi forma ta' azzjoni evaziva. L-istess konvenut PC Micallef li kien isuq il-Fire-Engine lanqas biss induna bil-prezenza tal-Mercedes, habat maghha u kaxkarha mieghu.

Zgur allura li s-socjeta' assikuratrici attrici kellha kull dritt li titlob rizarciment tad-danni minnha subiti biex taghmel tajjeb ghall-hsarat sofferti mill-assikurat taghha. Danni li fir-rigward tal-quantum taghhom ma jidher li hemm l-ebda kontestazzjoni, u li setghu jigu reklamati biss jew mid-driver tal-Fire-Engine, il-konvenut appellant PC Micallef, jew mill-Kummissarju appellat li fdalu l-vettura biex isuqha. L-ebda wiehed mill-konvenuti m'hu qed jaddebita xi htija lis-sewwieq tal-vettura assikurata, is-socjeta' attrici, u l-Qorti kellha biss tara min miz-zewg konvenuti kien responsabbli jew seta' kkontribwixxa ghas-sinistru.

b) <u>Ir-responsabilita' tal-konvenut PC Micallef</u>

Jinghad qabel xejn li l-ewwel Qorti rriteniet li l-incident kien gara tort ta' dak il-konvenut "li nizel in-nizla in kwistjoni bi speed mhux adegwat u b'hekk tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u kkawza l-incident". L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-eccezzjoni tal-kaz fortuwitu ma

kienetx giet provata. Jigi notat li z-zewg konvenuti li, kif inghad, ghamlu eccezzjoni unika ghat-talbiet attrici, eccepew li "Joseph Micallef ma kienx responsabbli ghall-kollizzjoni de quo u kien l-assikurat tas-socjeta' attrici li kien unikament responsabbli ghas-sinistru". Din l-eccezzjoni, kif inghad, bl-ebda mod ma giet provat. Ippruvat ghal kollox il-kontra u l-konvenuti, fit-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti, bl-ebda mod u fl-ebda hin ma ppruvaw isostnu din it-tezi. Michuda din l-eccezzjoni, u allura skartata kull responsabilita' da parti tad-driver tal-Mercedes, il-konvenut Micallef jigi skopert minn kull forma ta' eccezzjoni fir-rigward ta' htija ghall-akkadut. Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti, pero', hu avanza l-iskuzanti tal-*force majeur* li tista', jekk provata, tigi meqjusa bhala difiza valida kontra t-talbiet attrici.

Din il-Qorti jehtigilha tikkonsidra din id-difiza, anke fin-nuqqas ta' eccezzjoni formali da parti tal-konvenuti f'dan is-sens, u anke jekk taht certu aspett, kienet difiza li tizmentixxi l-eccezzjoni fil-mertu minnhom moghtija, li kien id-driver l-iehor li kien responsabbli ghas-sinistru. L-eccezzjoni tal-forza magguri ovvjament tisposta l-oneru tal-prova kompletament fuq min jallegaha, f'dan il-kaz fuq il-konvenut appellant Micallef. Kienet eccezzjoni li, jekk provata fit-termini tal-ligi, kienet tezonerah minn kull responsabilita'.

Gustament l-ewwel Qorti rriteniet li din id-difiza setghet tirnexxi biss kemm-il darba fil-kawza ta' l-akkadut ikun gie eskluz bl-aktar mod kategoriku l-intervent uman. Konsegwetement jekk precedentement ghall-incident ikun hemm xi nuqqas tas-sewwieq, jew ta' terza persuna responsabbli ghall-vettura minn dan misjuqa, din id-difiza ma jkollha l-ebda sahha. Dan in-nuqqas jista' jigi identifikat fil-kaz taht ezami, jew f'xi negligenza jew traskuragni tal-konvenut Micallef fl-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan waqt li kien qed isuq il-Fire-Engine qabel il-habta, jew f'xi nuqqas addebitat lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija inkwantu dan kien naqas milli jassigura li l-vetturi fdati f'idejn id-dipendenti tieghu biex jesegwixxu d-doveri taghhom ikunu *safe* u *roadworthy.* Jekk tirrizulta provata xi wahda minn dawn iz-zewg cirkostanzi allura d-difiza tal-kaz fortuwitu tfalli u tibqa' aperta il-kwistjoni jekk l-incident setghax jitqies li sehh unikament tort ta' xi hadd mill-konvenuti jew jekk kienux f'xi grad ikkontribwew it-tnejn ghalih.

"Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara ikun ikkontribwixxa l-fatt <u>pozittiv jew negattiv</u> tal-bniedem. Skond il-principju tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura imma jehtieg li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*" (Vol. XXXVII, P.II, p.637; Vol XVIII, P.II, p.164).

"L-efficacia del caso fortuito e' della forza maggiore o dello stato di necessita' con le mezzi liberatorii della responsabilita' cessa quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa della gente. Il fatto illecito si connette allora al comportamento giuridacamente anormale; ne sara' valevole l'eccezione liberatoria perche' inutilizzata dalla colpa precedente. Da tale stato illecito ebbe esistenza diretta l'inguria se bene paia derivata dal caso fortuito o dalla forza maggiore" (Vol. XXVI, P.III, p.343; Vol. XXIX, P.II, p.148).

Minn dan l-insenjament, verament korrettement enuncjat ukoll fis-sentenza appellata, tohrog il-konkluzzjoni li l-konvenuti kellhom l-oneru li jippruvaw (a) il-fatt li sehh il-kaz fortuwitu, u (b) illi dak il-kaz fortuwitu ma kienx gie precedut minn xi att delittwuz jew kwazi delittwuz taghhom.

L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghazlet li ma taghtix opinjoni netta dwar jekk il-konvenut kienx jew le sodisfacentement ipprova li kien hemm kollass f'salt tas-sistema tal-*brakes* tal-Fire-Engine waqt li kien qed isuq, u fuq dan il-punt ippreferiet li tibqa' xi ftit jew wisq ambivalenti, u dan billi taghmel id-domandi minghajr ma taghti t-twegiba ghalihom. Dan ghaliex jidher li kienet sodisfatta li f'kull kaz kien hemm nuqqas ta' sewqan prudenti da parti tal-konvenut Micallef illi kien, fl-iskorta tal-

gurisprudenza appena citata, jinnewtralizza l-eccezzjoni tal-kaz fortuwitu. Din il-Qorti pero' jidhrilha li ghandha tmur oltre dan l-atteggjament restrittiv propju ghaliex ma jidhrilhiex li ghandha, bhall-ewwel Qorti, tiskolpa lill-konvenut l-iehor, il-Kummissarju tal-Pulizija, kompletament minn kull responsabilita'.

Din il-Qorti nfatti waslet ghall-konvinciment li verament kien hemm kollass f'salt tas-sistema tal-*brakes* ghar-raguni teknika elaborata fil-provi u indikata fis-sentenza appellata. Il-piz ta' din il-prova hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, konvincenti. Mhux biss dan il-fatt hu asserit mill-appellant PC Micallef li kien qed isuq il-Fire-Engine a tempo vergine lis-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz, imma hu wkoll konfortat minn dikjarazzjonijiet li ghamlu ufficjali li sussegwentement kienu involuti fl-investigazzjoni interna ta' l-incident u fit-tiswija ta' l-istess vettura, anke jekk dawn kienu f'partijiet mill-aktar rilevanti tax-xhieda taghhom evazivi u inkonkluzivi u anke jekk dokumenti ufficjali u records li kellhom jinzammu biex jirregistraw informazzjoni essenzjali relativa ghall-incident baqghu ma gewx prodotti. Inoltre din il-Qorti tinnota li l-Fire-Engine ma halliet l-ebda sinjali ta' *brake* warajha, nonostante li pperkorriet distanza notevoli sakemm habtet mal-Mercedes u strahet fejn finalment spiccat. Hu maghruf li r-rejazzjoni naturali ta' sewwieq f'sitwazzjoni kif sab ruhu l-konvenut Micallef kienet kjarament li jsammar

il-*brake* biex jevita impatt. Azzjoni reattiva din li certament kienet thalli tracca ta' *brake marks* kieku dawn hadmu.

Dawn u elementi ohra ta' prova jikkonvincu lill-Qorti li l-konvenut Micallef kien veritier meta jafferma li kienu marrulu l-*brakes.* Din il-Qorti ma tistax pero' mill-banda l-ohra tiskarta leggerment l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti li, rrispettivament minn jekk kienux jew le fallewlu l-*brakes* qabel l-impatt, il-konvenut Micallef kien niezel in-nizla ta' San Gwann t'Ghuxa bi speed mhux adegwat u b'hekk tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u kkawza l-incident. Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti mhux biss hi mpressjonata mill-vjolenza ta' l-impatt mal-Mercedes u mill-entita' kbira tal-hsara li sofriet dik il-vettura ridotta ghal *total loss* imma wkoll bil-fatt illi l-konvenut Micallef inspjegabilment naqas li jipprova jwaqqaf il-Fire-Engine permezz ta' *engine brake* kif normalment wiehed jistenna driver tal-kapacita' tieghu li kellu jaghmel, anke fic-cirkostanzi li sab ruhhom rih, kif lanqas jirrizulta li ttanta jirrallenta l-velocita' tal-Fire-Engine billi japplika l-*hand brakes* li kienu ghad-disposizzjoni tieghu propju ghall-eventwalita' bhal din.

Din il-Qorti tifhem li min ikun qed isuq vettura tal-kobor ta' Fire-Engine kellu jezercita' prudenza massima fis-sewqan b'mod li jassigura li f'kull hin ikun f'pozizzjoni li jikkontrollaha, anke jekk rinfaccjat b'cirkostanzi ta' emergenza subitaneja. Mhux biss il-kobor imma wkoll it-toqol tal-

vettura kienu elementi li jimponu kawtela akbar fuq is-sewwieq, specjalment fir-rigward tal-velocita' ts-sewqan proprju ghaliex kien aktar facli li wiehed jitlef il-kontroll taghha. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz allura din il-Qorti ma jidhrilhiex li hi f'posizzjoni tiddisturba ghal kollox l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward ta' responsabilita' tal-konvenut, l-appellant Micallef, ghall-akkadut. Hu ma rnexxielux fil-fehma taghha li jipprova b'mod konkluziv illi sa fejn kien jinteressa lilu, is-sinistru gara unikament minhabba l-kaz fortuwitu illi fallew il-*brakes* tal-Fire-Engine. Din il-Qorti hi sodisfatta li filwaqt li veru dan il-fatt kien sehh, is-sewqan imprudenti u negligenti ta' l-appellant Micallef kif evidenzjat mill-provi, kien jaddebitalu responsabilita' ghas-sinistru. Dan b'mod li effettivament tinnewtralizza l-eccezzjoni tal-kaz fortuwitu.

c) <u>Ir-responsabilita' tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija</u>

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li ma kienx jirrizulta li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija kien naqas b'xi mod fl-akkadut. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-apprezzament tal-provi u tal-principji ta' dritt applikabbli ghalihom kif espress fis-sentenza appellata. Il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti tidher xi ftit sorprendenti u tidher motivata min-nuqqas ta' konvinciment li effettivament l-*brakes* tal-Fire-Engine kienu fallew. Infatti l-ewwel Qorti tikkonsidra illi "<u>Jekk</u> verament il-Fire-Engine kienet

zviluppat dan id-difett, u cioe' kienet bil-*brakes malfunctioning*, kien nuqqas kbir da parti tal-Korp tal-Pulizija li jippermetti vettura mhux tajba ghat-triq li tinsaq wara l-incident. L-alternattiva ghal dan hija li l-*brakes* ma kienu difettuzi xejn". Una volta din il-Qorti waslet ghall-konvinciment li l-*brakes* kienu verament difettuzi, tohrog wahedha l-konkluzzjoni li l-Kummissarju tal-Pulizija ma setghax ma jinstabx ukoll responsabbli li kkontribwixxa ghas-sinistru propju ghaliex ma hax dawk il-passi mehtiega, prudenti u doveruzi ta' missier tajjeb ta' familja biex jassigura li l-vetturi fdati f'idejn dipendenti tieghu jkunu *roadworthy*.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-attur irnexxielu fuq bazi ta' probabilita' jikkonvinci lil din il-Qorti li l-Kummissarju tal-Pulizija kien naqas milli jaghmel il-prova sal-grad rikjest li hu kien sewwa qeda d-doveri tieghu li mhux biss jaghmel manutenzjoni regolari tal-vetturi, imma wkoll illi jiehu dawk il-passi kollha mehtiega biex ikun accertat li vetturi tal-kobor u toqol, bhal ma huma Fire-Engines li setghu jkunu *hazard* fuq it-triq, jekk ma jkunux mija fil-mija *roadworthy*, isirulhom it-testijiet rigoruzi mehtiega qabel jigu ordnati fuq it-triq u biex ikun assigurat li l-*basic safety requirements* bhal ma huma indubbjament is-sistemi tal-*brakes,* ikunu sewwa funzjonanti. Il-provi juru ampjament – u dan gie sewwa rifless fis-sentenza appellata – illi l-Kummissarju tal-Pulizija, bhala persuna responsabbli ghat-taqsima tal-Fire-Engines ma kienx f'posizzjoni li jipproduci l-prova tal-*maintenance* li saret fuq il-vettura involuta fl-

incident, tat-testijiet li saru u li suppost kellhom isiru ta' kuljum qabel il-vettura tigi fdata lid-driver u ordnata biex tmur f'kummissjonijiet fuq it-triq. Is-sistemi ta' investigazzjoni dwar incidenti u rapporti ta' hsarat fiz-zmien rilevanti jidher li kienu ghal kollox mankanti minn dik is-serjeta' mehtiega biex tassigura l-verifika rigoruza li vettura b'makkinarju u sistemi difettuzi ma jithallewx jigu misjuqa fit-triq. Il-mod evaziv kif xehdu l-ufficjali tal-pulizija b'xi mod involuti fl-incident u fic-cirkostanzi antecedenti u sussegwenti hu sintomatiku jew ta' nuqqas serju ta' responsabilita' fil-qadi tad-doveri taghhom, jew turija ta' atteggjament ta' min kellu x'jostor, ghax il-verita' jekk tohrog, setghet tkun inkriminanti.

F'dawn ic-cirkostanzi allura din il-Qorti ma setghetx ma tasalx ghall-konvinciment illi l-provi kienu tali li kienu serjament jippregudikaw id-difiza tal-Kummissarju tal-Pulizija li kien ghal kollox estraneju ghall-akkadut u li hu ma kienx ukoll responsabbli ghas-sinistru. Dan inkwantu ma kienx f'posizzjoni jipprova li kien accerta ruhu bhala *bonus pater familias* li l-vetturi taht ir-responsabilita' diretta tieghu jkunu *roadworthy* fil-mument meta jigu ordnati fuq it-triq. Din in-nuqqas ta' diligenza kienet fil-fehma ta' din il-Qorti ukoll kawza prossima u immedjata tas-sinistru inkwantu dan seta' ma sehhx, jew seta' sehh fi grad ta' gravita' anqas li kieku ha l-passi mehtiega, kif dover tieghu, li jesigi b'verifika rigoruza l-istat funzjonanti tal-fire-engine fdata lill-konvenut PC Micallef biex isuqha.

F'dan il-kaz allura l-Qorti tqis li japplika l-principju illi l-koncett ta' kaz fortuwitu jew forza magguri ma ssehhx meta ghall-hsara ikun ikkonkorra l-fatt posittiv jew <u>negattiv</u> tal-bniedem, ghaliex f'dan il-kaz ma jkunx jista' jinghad li l-hsara kienet inevitabbli u jkollha bhala kawza diretta jew indiretta l-fatt doluz jew kolpuz tal-bniedem. Fil-kaz taht ezami, fir-rigward tal-konvenut appellat Kummissarju tal-Pulizija, il-fatt kolpuz kien negattiv fis-sens illi hu kien naqas li jagixxi kif hu mistenni mill-*bonus pater familias*.

F'dan ir-rigward din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li c-cirkostanzi kienu tali li kienu ghal kollox jezimu lid-Dipartiment minnu amministrat minn kull responsabilita' ghall-akkadut. Hu jistrieh fuq "íl-gurisprudenza kostanti li huwa s-sewwieq u mhux sid il-vettura jew min ikun sewwieha (service) li ried jisgura li hija *roadworthy*. Jekk Micallef isostni li kien jaf li l-vettura li saq kellha l-*brakes* difettuzi (u ta' dan ma ngabet l-ebda prova) u saqha nonostante, ikbar u ikbar hija r-responsablita' tieghu". Il-fatti ghal din il-Qorti pero' juru (a) li l-vettura kellha difett fis-sistema frenanti (b) li ma jirrizultax li Micallef kien jaf <u>qabel</u> saq il-vettura li din kellha l-*brakes* difettuzi, u (c) li dan il-fatt ikkontribwixxa ghas-sinistru u accentwa l-gravita' tieghu inkwantu kompla pogga lis-sewwieq fl-impossibilita' li jikkontrolla l-vettura li kien qieghed isuq bi speed mhux adegwat. Lanqas ma hu applikabbli dak li tipprovdi l-Estacode li huwa dmir tas-sewwieq fl-impieg

tas-servizz civili li jzomm il-vettura fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u/jew jaghmel jew jitlob li jsiru riparazzjonjiet mehtiega skond il-kaz. Il-provi juru li d-Dipartiment kellu procedura shiha kif u minn min kellhom isiru r-riparazzjoni tal-vetturi fil-Fire Brigade. Kien hemm responsablitajiet specifici ghal diversi dipartimenti intizi fil-principju mhux biss biex jassiguraw l-efficjenza u t-tempestivita' ta' dawn ir-riparazzjonijiet imma wkoll biex ikun hemm sistema ta' kontroll u verifika biex jigi assigurat illi vetturi bil-hsara ma johorgux fit-triq.

Din il-Qorti ma giet bl-ebda mod sodisfatta li dawn il-proceduri tassattivi, uhud minnhom ta' kuljum, gew segwiti fil-kaz taht ezami. Il-Kummissarju tal-Pulizija naqas b'mod l-aktar lampanti li jaghmel din il-prova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, u din ir-retticjenza u nuqqas ta' kjarezza llustrata bl-aktar mod evidenti mill-fatt li lanqas biss gew prodotti dokumenti li kellhom jinzammu regolarment u li minnhom seta', kieku gie traccjat, propju jekk kienx jew le rejalment okkorra l-kollass totali tas-sistema frenanti tal-vettura, ma jistax ma jwassalx lill-Qorti ghall-konvinciment illi l-appellat Kummissarju tal-Pulizija kien naqas li adegwatament jiddefendi ruhu kontra l-akkuza lejh diretta mill-konvenut l-iehor PC Micallef u minnu fl-ewwel lok sodisfacentement provata li d-Dipartiment kien naqas mir-responsablita' li kellu li jipprovdih b'vettura li kienet *roadworthy*.

Hawn non si tratta minn *culpa in eligendo* u lanqas si tratta mill-applikazzjoni tad-dottrina tal-*master's vicarious liability* fil-*Common Law* Ingliza kif qed jissuggerixxi l-appellant Micallef. Hawn si tratta ta' l-identifikazzjoni ta' responsabilita' diretta tal-Kummissarju tal-Pulzija li ma uzax il-prudenza u d-diligenza tal-*pater bonus familias* fl-ezercizzju ta' l-obbligu tieghu illi jipprovdi lill-impjegati tieghu b'vetturi mehtiega ghall-qadi tad-doveri taghhom li jkunu ragjonevolment sikuri biex jintuzaw fit-toroq. Jekk l-appellant Kummissarju tal-Pulizija qieghed jissuggerixxi fis-sottomissjonijiet tieghu li l-amministrazzjoni pubblika ma kienetx responsabbli taht il-ligi ordinarja u ghalhekk ma kienetx soggetta ghall-principji generali tal-Kodici Civili jew ta' ligijiet ohra dwar responsabilita' kontrattwali u kwazi delittwuza fil-konfront tac-cittadin privat, u li bihom tinholoq relazzjoni gjuridika, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li dawn huma koncetti guridici ormai felicement sorpassati. Filwaqt li s-sistema nostran indubbjament jirresponsablizza wkoll lill-impjegat fl-amministrazzjoni pubblika u tassoggettah personalment ghar-responsablita' personali u konsegwenzjali ghall-agir tieghu fil-qadi tad-doveri tieghu, dan ma jfissirx illi l-Istat ma jistax ukoll, f'cirkostanzi kongruwi, jkun ukoll responsabbli wahdu jew flimkien ma' l-impjegat tieghu ghal tali danni. Dan propju bhala konsegwenza ta' mal amministrazzjoni provata jew inadegwatezza amministrattiva li tkun tammonta ghal traskuragni, negligenza jew inosservanza ta' dawk in-normi li l-amministrazzjoni xierqa ta' hwejjeg pubblici kienet tissuggerixxi

u li n-nuqqas ta' tharis taghhom seta' jkun il-kawza ta' dannu lic-cittadin. Din il-Qorti allura tirritjeni li r-responsablita' amministrattiva f'Malta, ghalkemm tifforma parti mid-dritt pubbliku, kienet ukoll regolata minn dawk il-provvedimenti fid-dritt privat u cioe' fid-dritt ordinarju li kienu applikabbli ghac-cittadin privat sakemm il-ligi ma kienetx specifikatament tezenta lill-amministrazzjoni pubblika minn tali responsabilita'.

Din il-Qorti ma tarax kif wiehed jista' jsostni diversament fi zmien meta d-dritt amministrattiv qed itendi favur it-trasparenza u *accountability* ferm akbar fl-amministrazzjoni pubblika, u meta anke l-ezercizzju ta' diskrezzjoni ezercitata skond xi ligi kienet sewwa qed tkun soggetta ghall-istharrig gudizzjarju bhal kull azzjoni amministrattiva. Jekk, kif gustament anke f'dan l-amministrazzjoni pubblika kienet qed tigi tenuta responsabbli ghall-azzjonjiet taghha, ferm aktar kellha tkun hekk responsabilizzata fejn l-azzjoni amministrattiva, attiva jew passiva, tkun allegatament ikkrejat dannu anke jekk kwazi dilettwuz lil terzi. Din il-Qorti allura ssib li l-Kummissarju tal-Pulizija fil-kaz taht ezami kkontribwixxa ghall-akkadut u kellu konsegwentement ikun ritenut responsabbli ghad-danni konsegwenzjali flimkien ma' PC Micallef. Dana bl-applikazzjoni ta' l-art. 1031 tal-Kodici Civili li jipprovdi li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu. Bl-applikazzjoni tas-subinciz (2) ta' l-art. 1050 tal-Kap 16 din il-Qorti, wara li apprezzat il-fatti kollha in kawza, waslet ghall-konvinciment li tqassam ir-responsabbilita'

ghall-akkadut nofs kull wiehed bejn iz-zewg konvenuti b'mod illi kull wiehed minnhom kellu jissapporti nofs l-ammont ta' danni reklamati mill-attur nomine. Billi ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel Qorti fis-somma ta' Lm2,800, iz-zewg konvenuti kellhom ibatu il-hlas ta' din is-somma f'ishma indaqs bejniethom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' PC 537 Joseph Micallef u qed tirriforma s-sentenza appellata fis-sens biss illi qed issib u tiddikjara li l-konvenut appellat Kummissarju tal-Pulizija kien ukoll responsabbli ghall-incident imsemmi fl-att tac-citazzjoni u dana flimkien ma' l-istess appellant Micallef, liema responsabilita' kienet qed tigi apporzjonata f'sehem ugwali ta' nofs kull wiehed bejniethom. Konsegwentement iz-zewg konvenuti kienu qeghdin jigu kundannati b'din is-sentenza li jhallsu lis-socjeta' assiguratrici attrici n-nofs la' l-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata - liema ammont qed jigi b'din is-sentenza konfermat – u dana fis-somma ta' nofs Lm2,800 ekwivalenti ghal Lm1,400. L-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kellhom ikunu sopportati miz-zewg konvenuti f'ishma indaqs bejniethom u anke f'dan is-sens is-sentenza appellata kienet qed tigi riformata. Ghall-bqija l-istess sentenza kienet konfermata.

Dep/Reg
mm